**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 35

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 35 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 31ta'Awwissu 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 25 ta' Awwissu, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

**35.1 <u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

Il-kunsill ma irċieva l-ebda ttra ta' apoloġija.

**35.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (33) u Laqgħa b'urġenza Numru (34)**

Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet is-segwenti korrezzjonijiet;

**Laqgħa Numru (33)** biex item 33.9 "Għorfa Tradizzjonali Maltija f'Sqaq ta' Xama" jitpoġġa eżatt wara l-item 33.6.3 "Rapport ta' Q2 Financial Statement 2021" f'paġna 7.

**Laqgħa b'urġenza Numru (34)** biex minn paġna 2 il-quddiem, jitniżlu l-ħinijiet ta' dħul u/jew ħruġ tal-kunsilliera fil-laqgħa.
Paġna 4, qabel l-aġġornament tal-laqgħa jiżdied - Qamet il-mistoqsija jekk hemmx finanzi biżżejjed anke jekk ma jingħatawx fondi addizzjonali lill-kunsill.

Is-Sindku ressaq is-segwenti korrezzjoni :
Is-Sindku wieġeb; "ovvjament jittieħdu minn baġit oħrajn bħal ma sar dejjem.Fondi hemm il-fuq minn 2 miljun euro il-bank. Jekk il-kunsill għal xi raġuni ma jkollux flus biex ikompli proġetti oħrajn nergaw nagħmlu re-thinking tal-baġit li ġej u l-kunsill jindirizza fejn meħtieġ.Wara kollox mhiniex l-accountant, dejjem ħallejt f'idejn l-accountant biex tmexxina hi kif tista tixhed is-Segretarju Eżekuttiv".

Il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgħat 33 u 34 bil-korrezzjonijiet imressqa.

**35.3 Punti mill-minuti**

- **Attivita' tal-Milied 2021** - L-istima għat-tiżjien tal-Milied tal-parti ta' Triq it-Turisti fejn il-kunsill investa f'arbli tad-dawl ġodda tleħħaq 480 Euro għad-dwal per se li titħallas kull sena u 320 Euro ħlas ta'darba għall-roll bolts ecc. Il-kunsill se jistaqsi lill-MTA biex tagħmel tajjeb għal dawn il-ħlasijiet.
  Il-kunsill approva l-istima ta' 800 euro.

- **Traffic Management Plan – Works at Telgħet ix-Xemxija** Is-Sindku nforma li saret laqgħa oħra bejn il-kunsill u l-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-Ilma. Dawn qalu li fil-preżent qed isiru taħdidiet ma esperti barranin biex tiġi esplorata l-possibilita li x-xogħolijiet isiru mingħajr il-ħtieġa li tinqala t-triq kollha.Qalu ukoll li dan il-metodu huwa ftit rimot li jsir.Infurmaw, li huma kontra li jkun hemm uffiċjali jmexxu t-traffiku tul iż-żmien li jkunu għaddejjin ix-xogħolijiet minħabba spiza ta' l fuq minn €300,000. Insistew li Triq r-Ridott u Raddet ir-Roti jsiru one-way via lejn il-Mellieħa fejn it-traffiku kollu jitħalla jagħddi.
  Infurmaw li hemm oġġezzjoni minn naħa tal-kunsill ta' Mellieħa għall-fatt li l-proġett huwa għall-benefiċċju tar-residenti f'San Pawl u għaldaqstant ir-residenti tal-Manikata ma għandomx ibagħtu b'żieda sostanzjali fit-traffiku.

Minn naħa tal-kunsill reġa ġie diskuss il-pjan propost għall-immaniġjar tat-traffiku fejn kien hemm qbil li l-pożizzjoni meħuda fil-laqgħa 33 tibqa tiġi sostnuta. Dan għall-fatt li fost l-oħrajn Triq ir-Ridott żgur ma tippermettix li jagħddi dak it-traffiku kollu, inkluż vetturi kummerċali.

## 35.4 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

- **Malta Young Sailors Club** ressqu proposta biex b'kolloborazzjoni mal-kunsill tittella l-attivita National Championships 2021 fejn sehem il-kunsill ikun ħlas ta' l-ispejjes ta' l-uffiċjali tat-traffiku. Il-kunsill approva sa massimu ta' 4 uffiċjali.

- **Raba' mqabbla Pwales** - Il-kunsill ġie nfurmat mis-sidien tar-raba' mqabbla fl-inħawi tal-Pwales, San Pawl il-Baħar li l-qbiela ta' Awwissu, 2021 ġew aċċettati.

- **Xogħolijiet infrastrutturali fi Triq il-Kaħli.**
  Is-Sindku nforma, li tressqet proposta lill-Infrastruttura Malta. Il-kunsilliera Graziella Galea iddikjarat kunflitt ta' interess. Il-proposta hi biex ix-xogħolijiet ta' wiċċ Triq il-Kaħli jsiru mill-kuntrattur tal-kunsill Road Services, dan sabiex jitħaffef il-proċess b'rispett sħiħ lejn ir-residenti u n-negozzji ta' l-inħawi. Dawn ix-xogħolijiet jaqaw totalment taħt ir-risponsabilita ta' Infrastruttura Malta. Filwaqt li Infrastruttura Malta qablu b'mod verbali kemm mal-kunsill kif ukoll ma Road Services li isir dak propost, infurmaw li dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru wara li jagħaddi s-Sajf.

- **PA04300/21** - Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni PA04300/21 għat-tqegħid ta' platform għall-imwejjed u s-siġġijiet fuq il-bażi tal-policy addottata mill-kunsill fl-10 laqgħa tat-8 leġislatura, li nżammet fit-13 ta' Jannar, 2016.

- **PA05456/21** - Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni PA05456/21 għat-tqegħid ta'imwejjed u s-siġġijiet fuq il-bażi tal-policy addottata mill-kunsill fl-10 laqgħa tat-8 leġislatura, li nżammet fit-13 ta' Jannar, 2016.

- **Filming in Bidnija – MTV reality show**
  Il-kunsill ġie nfurmat li sar ġbid ta' film qasir il-Bidnija għall-MTV Reality Show fejn l-organizzaturi ħallew 50 Euro donazzjoni skond Code Of Practice For Film Makers.

- **The Malta International Airshow 2021'** - Il-kunsill ġie nfurmat li l-air show se ssir f'San Pawl il-Baħar fil-25 u 26 ta' Settembru, 2021. Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni.

- **Xemxija Pill Box** : BOQ 49,098 Euro + Vat. Gal Majjistral

  Il-Kunsilliera Graziella Galea ddakjat li hi membru tal-Bord Galmajjistral. .

- **Is-Segretarju Ezekuttiv Sinj. Mariella Strout** bagħtet ittra ta' riżenja datata 26 ta' Awwissu, 2021. Infurmat, li l-aħħar jum ta' ħidma se tkun il-25 ta' Jannar, 2022.

  Diversi kunsilliera staqsew x'wasal għal riżenja u jekk kienx hemm xi raġuni partikolari. Huma sostnew li kienu sodisfatti bil-xogħol u il-performance tas-Segretarju Ezekuttiv.

  Is-Segretarju Ezekuttiv Sinj. Mariella Strout qalet li kien ta' sodisfazzjon li ħadmet fil-kunsill ta' San Pawl il-Baħar fejn ippruvat tagħmel mill-aħjar possibbli. Infurmat, li l-kuntratt tagħha skada fl-4 ta' Ġunju, 2021 u għaldaqstant kien ilha ttella u tniżżel jekk iġġedditx jew le għall-4 snin oħra. Stqarret, li hi kienet deċiża fid-deċiżżjoni tagħha, biss, komosa bir-rikonoximent positiv mill Kunsilliera

  Is-Sindku Alfred Grima qal li wara li nkitbu ċetu kummenti mill-kunsilliera, iħoss, li għandu jiċċara xi punti, fejn sostna, li l-ħidma tiegħu mas-Segretarju Eżekuttiv, Sinj. Mariella Strout komplessament kienet tajba. Kburi jgħid, li flimkien wettaqna ħidma kbira favur il-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv, Sinj. Mariella Strout ikkonfermat dak li qal is-Sindku u żiedet tgħid li fl-aħħar sena s-Sindku għamel sforz kbir fejn ħadmu tajjeb flimkien.

  Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova li tinħareġ sejħa pubblika b'mod immedjat għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv, skond dak impost mir-regolament. Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.Intqal, li ma hemm xejn xi jżomm lis-Sinj.Mariella Strout milli tapplika f'każ li tbiddel fehmta.

  Il-Kunsill irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv is-Sinj.Mariella Strout tal-ħidma tagħha.

**<u>35.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsit lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv;

1. Il-Kunsill kien applika taħt l-iskema ta' restawr maħruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali; il-Kunsill kien irċieva risposta għal din l-applikazzjoni? Jekk iva, x'kienet ir-risposta? Nitlob li tintbagħatli kopja ta' din ir-risposta.

   **Risposta:** Il-kunsill ma kkwalifikax għall-iskema mhux minħabba xi nuqqas tiegħu imma għax hemm prijoritajiet oħra. Il-kunsill bagħat nota ta' diżappunt.

2. Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ser ikun qiegħed jiffinanzja x-xogħol infrastratturali li ser isir fi Triq il-Kahli?

   **Risposta:** Il-kunsill iħallas biss għall-ispiża tal-bankini jekk IM li fuqhom taqa r-risponsabilita ma jagħmluhomx.

3. Billi fuq is-siti soċjali ingħad li b'kollaborazzjoni mal-Ministeru ghat-Turizmu, il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar ħareg sejħa pubblika għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija ta' l-art, il-poġġamani u l-bankijiet tal-gallarija eżistenti fi Triq San Franġisk, min ser ikun qed jagħmel l-aġġudikazzjoni ta' din l-istess offerta? Min ser iħallas għax-xogħol kollu relatat ma' dawn ix-xogħolijiet inkluż l-aġġudikazzjoni, il-perit ecc?

   **Risposta:** Kif intqal diversi drabi qabel,dan il-proġett bħal diversi oħra mħabbra se jiġi ffinanzjat mill-Ministeru tat-Turiżmu, fejn għall-ewwel darba se jħallsu ukoll l-ispejjes marbuta max-xogħol professjonali tal-periti se jħallsu.

4. Fiex jikkonsisti l-investiment ta' madwar 350,000 ewro kif imħabbar mill-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur Clayton Bartolo? Il-Kunsill Lokali għandu programm tax-xogħolijiet li qiegħdin jitwettqu 24 siegħa kuljum skond l-istess konferenza stampa?

   **Risposta:**Ix-xogħolijiet għadhom ma bdewx direttament 24 siegħa kuljum u breakdown ta' l-ispiża ma hijiex maghrufa mill-kunsill. Li żgur huwa li nxtrat vettura prattikament ġdida biex tintuża f'San Pawl il-Baħar għall-ġbir ta' l-iskart. Jekk meħtieġ issir mistoqsija diretta lill-Ministeru konċernat.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk waslietx il-kunsill lis-statisrika marbuta ma ħruġ ta' ċitazzjonijiet relatati mal-Bye-Law tax-xorb.
**Risposta:** Il-kunsill bagħt reminder, biss, xorta waħda r-risposta mingħand il-pulizija għada ma waslitx.

## 35.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti

### 35.6.1 Rapport ta' Q2 Financial Statements 2021

L-accountant tal-kunsill, Ms Romina Perici Ferrante tagħt spjegazzjoni dwar id-dokument imressaq quddiem il-kunsill fejn il-kunsilliera inagħtaw tweġiba għad-domandi li ressqu. Kien hemm qbil li l-onorarja titħallas dejjem f'ġurnata partikolari biex b'hekk wieħed ikun jista jivverifika aħjar jekk daħlitx il-bank jew le kif ukoll li tiġi evalwata l-possibilita li jinfetħu kontijiet bankarji ġodda ma banek oħra biex b'hekk jittaffew it-tariffi.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova r-rakomandazzjoni tar-rapport hekk kif tressaq. Is-sekonda l-mozzjoni il-kunsillier Alfred Bray
Il-kunsill approva nem.com.

**35.6.2 Rapport ta' Evalwazjoni – Tender Project Manager**

Is-Segretarju Eżekuttiv Ms Mariella Strout qrat ir-rapport ta' evalwazzjoni Tender Project Manager fejn intefaw żewġ offerti biss. Bl-irħas offerta tkun tal-kumpanija Yami Yama Ltd b'offerta ta' 95,952 Euro għal 4 snin. L-offerta ta' Re-Energy Ltd kienet 118,959.45 Euro.

Fir-rapport tiegħu l-Bord, għamel osservazzjoni li l-kumpanija li tefgħet l-irħas offerta diġa toffri servizz ta'Contract Manager lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. It-termini ta' referenza taqsima 4 - Artiklu 4.2.5 Kunflitt ta' Interess jiddikjara li "il-Maniġer tal-Proġetti għandu jkollu rwol ta' gestjoni tal-proġetti biss. Ma għandux ikun assoċjat direttament jew mod ieħor, jew joffri għal, jew jaħdem fuq, direttament jew kwalunkwe kuntratt ieħor tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, u wara li ntalab parir legali mingħand l-avukat tal-kunsill, il-Bord irrokomanda li l-offerta tingħata lill-kumpanija Yama Yami Ltd fejn fl-aħħar mill-aħħar l-offererent ikollu jagħżel bejn iżommx il-kuntratt ta' Contract Manager jew il-kuntratt tal-Project Manager.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova r-rakomandazzjoni tal-Bord. Is-Sekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Paul Bugeja.
Il-kunsill approva nem.com.

**35.7 Item Ħatra ta' Chairperson – Bord Evalwazjoni Tenders**.

Il-kunsill irċieva rizenja tac-Chairman tal-Bord ta'Evalvazzjoni l-Kunsillier Paul Bugeja minħabba raġunijiet personali. Is-Sindku rringrazzjaħ tas-servizz tiegħu, filwaqt ppropona lill-Kunsillier Daryl Connor għall-ħatra ta' Chairman ta' l-istess Bord.
Is-Sekonda il-mozzjoni l-Kunsillier Alfred Bray.
Il-kunsill approva nem.com.

**35.8 Item Mozzjoni - Rikonoxximent lejn prestazzjoni mill-aqwa ta' Sirens FC**

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni biex il-kunsill jirrikonoxxi l-prestazzjoni tal-klabb tal-futbol Sirens FC li baqa b'mod konsistenti jħalli mpressjoni tajba ferm fl-għola livell tal-futbol Malti. L-investiment huwa ntiż għat-tagħlim tat-tfal, inkluż il-benesseri tagħhom, biex jgħin mill-għat fiżiku kif ukoll biex jitkattar it-talent lokali. Dan billi l-kunsill jagħmel għad-dispożizzjoni tal-klabb blalen tal-futbol b'ammont li ma jaqbis l-elfejn

euro. Is-sekonda l-mozzjoni s-Sindku Alfred Grima.

Il-Kunsillier Alfred Bray poġġa fuq il-mejda tal-kunsill żewġ kwotazzjonijiet relatati ma xiri ta' blalen.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq emenda li jizdiedu l-kliem"mhux aktar minn 25 ballun" sa massimu ta' elfejn euro". Is-sekonda l-mozzjoni s-Sindku Alfred Grima .
Il-kunsill approva kemm l-emenda kif ukoll il-mozzjoni mressqa.

**35.9 Item: PA04935/21 Triq is-Sardin,kantuniera ma Triq San Gwann Pawlu, Burmarrad**

*Propost parkeġġ u maħżen għad-distribuzzjoni ta' vetturi kummerċjali u makkinarju, għall-permess eżistenti approvat PA5374/08 kif ukoll disinn mill-ġdid ta' l-istess permess.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport u l-parir ippreparat mill-perit tal-kunsill DTR.

Fir-rapport tiegħu l-perit jindika li s-sit inkwistjoni hi l-barra miż-żona ta' żvilupp ta' bini (ODZ) u maġenb żona magħżula residenzjali f'Burmarrad.Is-sit hi parti minn grupp ta' żviluppi oħra użati għall-operazzjoni ndustrijali. Il-permessi PA4427/02 u PA2276/00 ġew approvati b'dawk aktar riċenti PA 8024/18 għadu għaddej; kollha f'art ODZ.

Il-kunsill għandu jiżgura li t-triq quddiem is-sit fi triq is-Sardin tinfetaħ u titlesta għad-detriment ta' l-applikant. Din kienet waħda mill-kundizzjonijiet imposti biex inkisbet l-approvazzjoni għal permess PA/5374/08. Il-kunsill għandu jkun konxju tal-bidla fl-użu tas-sit, kif ukoll l-iskavar taħt il-bini eżistenti biex jespandi l-operazzjoni, Dan se joħloq preċident għall-iżviluppi oħra simili fiż-żona. Il-kunsill għandu jkun konxju li l-applikant qed ifittex li jdawwar spazju miftuħ eżistenti f'faċilita msaqqfa Klass 6 għall-ħażna u d-distribuzzjoni ta' vetturi kummerċjali u makkinarju.Dan imur kontra il-pjan lokali fejn l-uniku użu speċifiku huwa dak residenzjali. L-applikant qed ifittex li jirdoppja bejn wieħed u ieħor l-kapaċita tal-ħażna fiż-żona u biex iżid l-għoli tal-bini eżistenti.

Il-Perit irrakomanda, li l-kunsill joġġezzjona għal din l-applikazzjoni bbażata fuq ir-rimarki msemmieha aktar hawn il-fuq.

Is-Sindku fakkar, li l-permess **PA5374/08** ikkwotat kien biex tiġi sanzjonata faċilita miftuħa ta' ħażna li nbniet mingħajr il-permessi neċessarji, bini ta'ħitan tas-sejjieħ u xogħolijiet ta' tisbiegħ. L-applikazzjoni PA5374/08 kienet ġiet diskussa mill-kunsill ta' San Pawl il-Baħar fit-8 Leġislatura, laqgħa 28 datata 24 ta' Frar, 2017, fejn dak inhar il-maġġoranza fil-kunsill kienet ivvutat favur is-sanzjonar.

Tqajmet il-mistoqsija jekk l-art inkwistjoni kinietx tal-knisja li ġiet mibjuha bl-intenzjoni li l-art agrikola tgħin lis-sidien bdiewa jaqalaw l-għixien tagħhom, Kien hemm qbil li l-kunsill jivverifika jekk it-triq quddiem is-sit fi triq is-Sardin infetħitx jew le mill-applikant skond dak impost permess ta' l-approvazzjoni ta'PA/5374/08.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni ta' żvilupp PA04935/21 Triq is-Sardin, kantuniera ma Triq San Gwann Pawlu, Burmarrad minħabba fost l-oħrajn li art hi ODZ kif ukoll fuq il-bażi ta' dak elenkat mill-perit tal-kunsill.Is-sekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Chris Vella Petroni.
Il-kunsill approva nem.com.

**35.10 Item Korsijiet tal-Kompjuter**

Il-kunsill iddiskuta l-ħsieb li jiġi organiżżat kors ta' l-ECDL on-line għal persuni t'eta minn 16 sena l-fuq u eżamijiet marbuta mas-suġġett inkwistjoni.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni li taħseb biex il-kunsill joħroġ sejħa pubblika biex jiġi organiżżat kors ta' l-ECDL kif ukoll sejħa oħra marbuta ma l-eżamijiet.
Tipproponi illi, il-kunsill jħallas 55 euro għall-kors ta' l-ECDL on-line kif ukoll għall-eżamijiet inkwistjoni għal persuni t'eta minn 16 sena l-fuq. Fejn dawk li jattendu sa mhux anqas minn 90% tal-lezzjonijiet u jpoġġu għall-eżamijiet marbuta mas-suġġett inkwistjoni jiġu sponsorjati. Biex persuna tikkwalifika għal għajnuna finanzjarja tal-kunsill jeħtieġ li,

- ✓ Ikollu karta ta' l-identita fuq il-lokalita ta' San Pawl il-Baħar.
- ✓ Tħallas 45 euro reġistrazzjoni.
- ✓ Tkun fil-lista ta' l-ewwel 50 applikant.

19.21pm Inqata il-kuntatt ma il-Kunsillier Mario Salerno li kien qed isegwi online

Dawk mingħajr karta ta' l-identita fuq il-lokalita u/jew oħrajn li ma jikwalifikawx għal għajnuna finanzjarja tal-kunsill xorta jkollhom id-dritt li jibbenifikaw minn roħs fil-prezz permezz ta' grupp discount.Is-Sindku Alfred Grima issekonda l-mozzjoni
Il-kunsill approva nem.com..

**35.11 Item: Talbiet Pendenti mill-1 ta' Jannar 2021 sal-15 ta' Awwissu 2021:**

1. Sinjali u Tabelli tat-traffiku mitluba.
2. Kaptelli u hsarat ohra fuq bankini li gew mitluba biex isir il-manutenzjoni mehtiega.
3. Mirja mitluba madwar il-lokalita'.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport mitlub li ntbagħt ma l-aġenda. Inġibdet l-attenzjoni li l-lista preżentata ma hijiex aġġornata kif ukoll li x-xogħolijiet fuq il-tranġar ta' bankini għadhom prattikament ma nbdewx. Is-Sindku Alfred Grima qal, li ftit li xejn hemm works order pendenti ta' xogħolijiet relatati ma sinjali u tabelli tat-traffiku fejn fl-aħħar sentejn twaħħlu u nbidlu numru rekord ta' tabelli. Informa, li huwa ppjanat li sa ġimgħa mill-laqgħa tal-kunsill il-works orders pendenti ta' sinjali tat-traffiku se jsiru kollha. Semma l-fatt li ż-żebgħa tas-sinjali ma hijiex isservi aktar minn ftit xhur.

Dwar xogħolijiet ta' tranġar ta' bankini fakkar, li kien kuntrattur wieħed biss li wera nteress li jitfa offerta meta nħareġ t-tender SPB T/09/2019 fejn dan ma għandux ħaddiema biex jaħdmu fuq il-bankini biss. Bħala soluzzjoni l-kunsill ħareg sejħa pubblika SPB T/02/2021 fejn għal darba oħra kumpanija waħda biss uriet interess kif ukoll li nħarġet sejħa pubblika għal ingaġġ ta' bennej full time b'xogħolu se jkun speċifikament marbut ma tranġar ta' bankini.

Dwar twaħħil ta'mirja ta' traffiku, kien hemm kunsilliera li semmew il-ħtieġa li jitwaħħlu. Fosthom li jitwaħħlu 2 fi triq Għajn Tuffieħa. Is-Sindku fakkar li l-kunsill approva policy li tiddetta x'għandu jsir dwar rikjesti simili, fejn fost l-oħrajn it-twaħħil tal-mirja għandu jkun l-aħħar mezz użat.

Il-kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni biex jitwaħħlu żewġ mirja fi triq Għajn Tuffieħa, faċċata ta' Għajn għas-Stas.

Favur: Viċi Sindku Carlos Zarb, Kunsilliera Graziella Galea, Daryl Connor, Anthony Delia, Stephen Cremona, Anne Fenech, Paul Bugeja, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina

Kontra: Sindku Alfred Grima, Kunsillier Alfred Bray, Anthony Angelo Attard
Il-Kunsill approva.

**35.12 Item: Attivita għat-Tfal fil-Fun Park is-Sibt 11 ta' Settembru, 2021**
Il-Kunsill Chris Vella Petroni ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova li ssir attivita għat-tfal minn 6 snin il-fuq fil-Fun Park nhar is-Sibt 11 ta' Settembru, 2021 bejn l-10am u l-11am. Dħul b'xejn. Tqajmet il-mistoqsija; meta ltaqa l-Bord ta' l-Isports, jekk l-attivita proposta sabietx l-appoġġ tal-maġġoranza tal-membri, kemm se tkun l-ispiża totali għall-kunsill, u min se jġorr ir-risponsabilita f'każ ta' xi aċċident?

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb irrimarka, li hu dispjaċut li bħala membru tal-Bord ta' l-Isports qatt ma ġie avviċinat jew ikkonsultat mill-Kunsillier Chris Vella Petroni dwar din l-attivita. Dan minkejja li hu offra l-għajnuna tiegħu. Jistenna, li jew jiġi kkunsultat dejjem jew qatt.

Il-Kunsill Chris Vella Petroni nforma li l-Bord ta' l-Isports għadu ma ġiex iffurmat, u kien hu li qed iressaq is-suġġeriment. Is-sekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Anthony Delia.
Il-Kunsill approva l-attivita' sakemm il-kunsill ma jġorrx ir-risponsabilita f'każ ta' xi aċċident.

**35.13 Item: <u>Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizżi.</u>**
Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill joffri kors ta' bini ta' ħitan tas-sejjiegħ għal persuni b'indirizz ta' l-ID card fuq San Pawl il-Baħar, biex b'hekk tkompli titkattar il-kultura maltija baġit ta' mhux aktar minn 1,000 euro. Bħala punt ta' informazzjoni s-Sindku qal li kors simili qed jiġi riklamat 70 euro, vat mhux inkluż. Is-sekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Anthony Delia.
Il-Kunsill approva nem.com.

**Skeda ta' pagamenti**

Rigward pagamenti 726 u 726.1, lill-Cleansing Services Department, il-Kunsill qabel li dawn ma għandhomx jitħallsu minħabba li huma preskritti.

Rigward pagamenti 757, 757.1 is-Sindku ġibedt l-attenzjoni li l-€5,000 threshold iddettata mil-ligi finanzjarja nqabzet, dan minkejja li l-kunsill dejjem esiga li dan ma jsehhx. Is-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout infurmat, li din issejħa kellha twassal sa l-aħħar ta'Settembru izda kemm is-Sindku kif ukoll Kunsillier Mario Salerno insistew li tisqija tizdied għal darbtejn fil-Ġimgħa minħabba n-nixfa kbira li hawn fil-pajjiż u hi qablet ma dan. Kien ikun logistikament diffiċli biex twaqqaf is-servizz għaliex il-kuntrattur jaf il-postijiet kollha fejn indikalu il-Kunsill.
Kif diġa spjegajt il-kuntrattur ġie nfurmat sabiex nhar is-Sibt tkun l-aħħar tisqija u l-ġimgħa dieħla jerġa jibda kuntrattur ġdid. Sabiex jissaqqa x-xatt tax-Xemxija tqabbat kuntrattur ieħor u l-ispejjes tiegħu se jiġu rijmbors min MTA.

Is-Sindku qal, li filwaqt li jifhem is-sitwazzjoni, żgur li hu qatt ma rrakomanda li l-kunsill ma jimxiex mar-regolamenti.

Il-Kunsilliera Graziella Galea, Chris Vella Petroni, Anthony Attard, Antoinette Bezzina resqu dikjarazzjoni li tgħid; Dwar pagamenti 757, 757.1 naqblu li l-fornitur għandu jitħallas sa s-somma ta' 5,000 euro, vat eskluż, iżda qedin nastjenu dwar id-differenza ta' bejn 5,000 euo, vat eskluż, u l-kumplament tat-total tal-kontijiet.

Il-kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li fil-leġislatura l-oħra saru pagamenti li qabżu t-22,000 euro dak iddettat bir-regolamenti finanzjarji li l-Kunsilliera Graziella Galea kienet qablet magħhom.

Lis-skeda ta' pagamenti ġiet approvata hekk kif tressqet.

**35.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fid-8.35 pm u aġġornata għal-Erbgħa 15 ta'Settembru 2021 fil-5.30pm

______________________

Alfred Grima
Sindku

__________________________

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv